MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 289/2012

**Appell Nru. 289/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**(Spt. Jurgen Vella)**
**Vs**
**Maria Farrugia**

**Illum 4 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` 69157 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn il- Gzejjer fis- 27 ta' April 2012;

1) ipproduciet, bieghhet jew xort' ohra ttraffikat ir-raza mehuda b' qerq mill- pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r- raza;

Aktar talli f' dawn il- Gzejjer fis- 27 ta' April 2012 u fil- gimghatejn ta' qabel;

2) kellha fil- pussess taghha r- raza mehuda mill- pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza; liema droga nstabet f' tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall- uzu esklussiv taghha;

3) fl- ahhar nett talli fis- 27 ta' April 2012 bhala persuna li mhux impjegata fil- habs Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr l- awtorita' legittima, dahlet jew ipprovat iddahhal f' xi part ital- konfini ta' Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma projbiti skont xi regolamenti maghmula skont dan l- Att jew garret jew ipprovat iggorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs;

4) aktar talli b' hekk ikkommettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill- Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D nhar is- 6 ta' Gunju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) fl- ahhar talli saret recidiva b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, 8(a) tal-Kap. 101 u l-artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 260 tal-ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellanti hatja u ghaldaqstant ikkundannataha tlitt (3) snin prigunerija.

Ordnat id-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza datata 6 ta' Gunju 2008 fejn l-istess appellanti kienet giet ikkundannata terminu ta' sentejn prigunerija.

Ghalhekk b'kollox l-appellanti giet ikkundannataha ghal terminu ta' prigunerija effettiva ta' hames snin.

Ikkundannataha inoltre multa ta’ erba` mija w sitta w sittin Ewro (€466).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnu pprezentat fil-15 ta’ Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

Illi indubbjament, l-akkuzi numri wiehed u tnejn inghataw bhala alternattiva ghall-akkuza numru tlieta.

Illi l-Qorti erronjament, sabet lill-imputata hatja ta’ dawn it-tlett akkuzi.
Illi l-appellanti tissottometti li tenendo conto c-cirkostanzi, jidher li l-appellanti kellha tinstab hatja solament tat-tielet akkuza fit-termini ta’ l-artiklu 7(1)(2) tal-Kap 260 liema dispozizzjoni tal-ligi tirrispekkja l-fatti specie tal-kaz.

Illi f’dawn i-cirkostanzi ghalhekk il-piena massima kontemplata fil-ligi hi ta’ tmintax-il xahar.

Illi in oltre , jinghad li l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-appellanti hatja ta’ dawn it-tlett akkuzi flimkien. Jinghad li it-tieni akkuza ma tirrizultax u mhix kompriza u involuta fl-ewwel akkuza (ara Il-Pulizija vs Trevor Ciangura deciza fis-17 t’April 2012, per Magistrat Dr Edwina Grima).

Illi fl-istess vena jinghad pero’ li l-akkuza tlieta hija kompriza u involuta fl-ewwel akkuza minhabba n-nexus legali.

Dwar il-Piena.
Illi fic-cirkostanzi l-piena kienet wahda eccessiva. Dan il-kaz si tratta ta’ individwu li jinsab f’cirkostanzi patetici.

Jirrizulta li l-appellanti hija persuna kwazi nieqsa mid-dawl ghal kollox u kif jirrizulta anke mir-rapport ta' l-espert tal-Qorti hija persuna bi problemi socjali kbar.

Ikkunsidrat:

L-appellanta hija akkuzata b'reati kontra l-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ta' traffikar, pussess tad-droga kannabis kif ukoll illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) ippruvat iddahhal droga fil-konfini tal-habs, liema reat gie mwettaq waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, u wkoll illi kienet recediva.

L-appellanta ammettiet dawn l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u b'sentenza moghtija fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012) l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza kif kienet obbligata li taghmel sakemm ma jirrizultalhiex li l-appellant ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi, il-Qorti ma setghetx skont il-ligi tikkundannah cioé ssibu hati ta' reat (Il-Pulizija versus Martin J. Camilleri, 20 ta' Jannar 1995). L-ewwel Qorti ghamlet proprju dan – osservat il-ligi wara l-ammissjoni u ghaddiet ghall-kundanna tal-appellant. Ma kienx il-kaz li toqghod tikkonsidra l-meritu ghax la kien hemm ammissjoni, kwindi l-akkuzi kif prodotti huma pruvati. Zgur ghalhekk illi l-appellanta m'ghandhiex ragun targumenta illi ma gietx ippruvata t-tieni akkuza. Bl-ammissjoni taghha din l-akkuza tigi ippruvata u m'hemm xejn aktar x'isir. Barra minn hekk ma hemm xejn alternattiv fl-akkuzi – il-pussess hu inkorporat fit-traffikar, u t-tielet akkuza hija differenti, regolata b'ligi differenti.

Hemm ukoll il-ksur ta' sentenza sospiza u r-recidiva, f'liema kaz, allura, l-ewwel Qorti kellha ragun sabiex timponi piena karcerarja peress illi ma tistax tigi applikata s-sentenza sospiza jew probation, u lanqas ma tista' taqa' taht il-minimu fil-kuntest tal-artikolu 21 tal-Kap 9. Ghalhekk, l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha, setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------